MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 516/2005

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
*Ommissis A*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Ommissis A*, ta’ *ommissis* sena, iben *ommissis*, imwieled *ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *ommissis*.

Illi huwa akkuzat talli fil-15 ta’ Gunju 2004 gewwa l-fond *ommissis*:

1) B’eghmil zieni, ikkorrompa lil *Ommissis B* ta’ *ommissis*-il sena persuna ta’ taht l-eta’;
2) U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lil privat li jarresta lill-

hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri *Ommissis B* kontra l-volonta' taghha, u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tat-27 ta' Frar 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz si tratta ta' tfajjel ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena li kellu avventura sesswali ma' tfajla ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, l-minuri *Ommissis B*. Jirrizulta illi din il-minuri kienet residenti l-Fejda. Kienet marret ghall-iskola ma' habibha taghha, iddeciedu illi jiskartaw mill-iskola, ltaqghu ma' l-imputut, *Ommissis B* giet mistiedna fil-*flat* fejn kien jghix hu, u *Ommissis B* marret fil-*flat* tieghu, intefaw jinnamraw fuq is-sodda, raw *video* porgnorafiku flimkien u dan gie degwit minn attivita' sesswali bejn l-imputat u l-minuri fejn l-imputat ippenetra subajh gol-parti genitali tal-minuri. Il-minuri weggghat u qaltlu sabiex jieqaf u dan waqaf.

Illi minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat fuq l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, huwa dmir tal-Qorti illi tirrileva illi skond il-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Kriminali, jekk kemm-il darba s-sekwestru llegali tal-persuna tkun

meqjusa bhala l-mezz sabiex jitwettaq korruzzjoni ta' minorenni jew stupru ma jreggix bhala reat separat is-sekwestru llegali tal-persuna.

***"Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru."***

(vide sentenza **Pulizija vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta' Ottubru 2006)

Jirrizulta illi l-istess minuri *Ommissis B* kienet diga' vittma ta' abbuz sesswali da parti taz-ziju taghha.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni ta' Cecilia Xuereb Dok.CX (a fol.113) li kkonkludiet illi:

*"L-iskop tal-film ma jistax ikun hlief dak li jecita sesswalment f'kaz ta' adulti. Jekk jintwera jew jigi*

*moghti lil xi minorenni, l-iskop ma jistax ikun hlief dak li jikkorrompi."*

Gie stabbilit kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza illi l-minuri ma kinitx sfurzata assolutament biex taghmel dak illi ghamlet u ebda forma ta' koerzjoni diretta jew indiretta ma ntuzat fuqha biex tiehu sehem f'din l-attivita' sesswali u jidher car illi ghal minuri din kienet attivita' sesswali illi sehhet il-ghaliex hija kellha grazzja ma' l-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-istess imputat hati ta' l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) akkuza li minnha tilliberah u wara li rat l-Artikoli 203(1), 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat, *Ommissis A*, taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-Piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi l-imputat inniffsu huwa minorenni, u l-fatt illi mix-xhieda jirrizulta illi l-minuri f'dan il-kaz, hadet parti attiva f'din l-avventura sesswali bejn zewg minorenni.

In oltre' l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------